MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
GABRIELLA VELLA**

Seduta tal-5 ta' Mejju, 2011

Avviz Numru. 473/2009

**Elizabeth Borg (Karta ta' l-Identità bin-Numru 511751M)**

**Vs**

**Lyon Galea (Karta ta' l-Identità bin-Numru 73482M) u Brian Constructions Limited (C-34492)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ipprezentat mill-attrici permezz ta' liema titlob li l-konvenuti jigu ikkundannati jhallsuha s-somma ta' tlett elef sitt mija u sitt Euro u disghin centezmu (€3,606.90) jew somma ohra verjuri rapprezentanti danni minnhom jew min minnhom kagunati fil-fond 45 "Viva Kristu Re" Triq Mater Boni Consilii, Paola, proprjetà taghha, rapprezentanti in kwantu ghal tlett elef hames mija u hdax-il Euro u disghin centezmu (€3,511.90) skond rapport tal-Perit Duncan Mifsud (anness mar-Rikors bhala Dok. "EB1") u in kwantu ghal hamsa u disghin Euro (€95) ghal xoghol ta' tiswija ta' dranagg (ricevuta annessa mar-

Rikros bhala Dok. “EB2”), per konsegwenza tax-xoghlijiet maghmula minnhom fil-fond 47, Mater Boni Consilii, Paola, okkerrendo bin-nomina ta’ periti nominadi, prevja dikjarazzjoni li huma jew min minnhom huwa responsabbli ghall-istess danni; bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali datata 10 ta’ Novembru 2009, u bl-imghax legali sad-data ta’ l-effettiv pagament, kontra l-konvenuti;

Rat ir-Risposta tal-konvenut Lyon Galea permezz ta’ liema jeccepixxi li huwa ma jistax jigi ritenut responsabbli ghall-hsara lamentata mill-attrici, kif ghandu jirrizulta bl-opera ta’ perit tekniku li okkorrendo jista’ jinhatar minn din il-Qorti. Jikkontendi li in relazzjoni max-xoghlijiet li kellhom jibdew jigu ezegwiti fil-fond tieghu kontigwu ghal dak ta’ l-attrici kien inkariga perit arkitett kif ukoll persuni tas-sengha ghall-iskop li jigu ezegwiti l-istess xoghlijiet;

Rat illi s-socjetà konvenuta giet notifikata bir-Rikors izda naqset milli tidher ghas-seduti s’issa ffissati minn din il-Qorti;

Rat il-Kapitolu pprezentat fil-konfront tas-socjetà konvenuta mill-attrici u rat li l-istess socjetà naqset milli tidher sabiex tirrispondi ghalih u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr;

Rat ir-Risposta Ulterjuri tal-konvenut permezz ta’ liema jeccepixxi ulterjorment li *peress li rrizulta fil-mori tal-kawza li l-pretensjoni attrici ghall-hlas tas-somma reklamata in linea ta’ danni sofferti giet ammessa bis-subizzjoni tal-konvenut l-iehor, l-istess attrici ma fadlilha l-ebda interess guridiku fil-prosegwiment ta’ din il-kawza;*

Semghet ix-xhieda tal-Perit Duncan Mifsud[1] u ta’ l-attrici[2] waqt is-seduta ta’ l-4 ta’ Frar 2010, ix-xhieda tal-Perit Charles Buhagiar[3], ta’ Joe Pisani[4] u ta’ Pauline Borg[5] waqt is-seduta ta’ l-10 ta’ Gunju 2010, u semghet ix-

[1] Fol. 32 sa’ 35 tal-process.
[2] Fol. 36 sa’ 38 tal-process.
[3] Fol. 57 sa’ 58 tal-process.
[4] Fol. 59 sa’ 61 tal-process.
[5] Fol. 62 sa’ 63 tal-process.

xhieda tal-konvenut waqt is-seduta tad-29 ta' Novembru 2010[6];

Rat id-dokumenti Dok. "EB1"[7] u Dok. "EB2"[8] esebiti flimkien mar-Riskors promotur, id-dokument Dok. "EB" esebit mill-attrici a fol. 31 tal-process, id-dokument Dok. "CB1" esebit mill-Perit Charles Buhagiar a fol. 45 sa' 55 tal-process u d-dokument Dok. "JP1" esebit minn Joe Pisani a fol. 56 tal-process, rat l-applikazzjoni sottomessa mill-konvenut mal-MEPA esebita mill-attrici a fol. 65 sa' 66 tal-process, id-dokumenti Dok. "LG1" u Dok. "LG2" esebiti mill-konvenut a fol. 70 sa' 84 tal-process;

Semghet it-trattazzjoni da parte tad-difensuri ta' l-attrici u tal-konvenut dwar l-eccezzjoni ulterjuri sollevata mill-konvenut u rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza fuq tali eccezzjoni ulterjuri.

**Ikkunsidrat:**

Bl-azzjoni odjerna l-attrici titlob li l-konvenut Lyon Galea u s-socjetà Brian Constructions Limited jigu kkundannati jhallsuha s-somma ta' €3,606.90 rapprezentanti danni minnhom jew min minnhom kagunati fil-fond proprjetà taghha Nru.45, Triq Mater Boni Consilii, Paola, b'konsegwenza ta' xoghlijiet esegwiti fil-fond Nru.47, Triq Mater Boni Consilii, Paola.

Il-konvenut Lyon Galea, li mill-provi s'issa prodotti jirriuzlta li huwa l-proprjetarju tal-fond Nru.47, Triq Mater Boni Consilii, Paola, jilqa' ghat-talba attrici bl-eccezzjoni li huwa ma jistax jigi ritenut responsabbli ghall-hsara lamentata mill-attrici, kif ghandu jirrizulta bl-opera ta' perit tekniku li okkorrendo jista' jinhatar minn din il-Qorti. Jikkontendi wkoll li in relazzjoni max-xoghlijiet li kellhom jibdew jigu ezegwiti fil-fond tieghu kontigwu ghal dak ta' l-attrici kien inkariga perit arkitett kif ukoll persuni tas-sengha ghall-iskop li jigu ezegwiti l-istess xoghlijiet.

---

[6] Fol. 85 sa' 87 tal-process.
[7] Fol. 2 sa' 15 tal-process.
[8] Fol. 16 tal-process.

Is-socjetà konvenuta, li jidher li hi l-kuntrattur inkarigat mill-konvenut biex jigu esegwiti x-xoghlijiet mehtiega fil-fond Nru.47, Triq Mater Boni Consilii, Paola, baqghet kontumaci u ma rrispondietx ghall-Kapitolu pprezentat fil-konfront taghha mill-attrici fil-25 ta’ Jannar 2010.

Fid-dawl tal-fatt li s-socjetà konvenuta baqghet kontumaci u ma rrispondietx ghall-Kapitolu pprezentat fil-konfront taghha, il-konvenut jeccepixxi ulterjorment illi l-attrici ma ghadx ghandha interess guridiku biex tkompli b’dawn il-proceduri fil-konfront tieghu ghaliex il-pretensjoni taghha ghall-hlas tas-somma ta’ €3,606.90 in linea ta’ danni minnha sofferti, giet ammessa bis-subizzjoni tas-socjetà konvenuta.
Il-konvenut jikkontendi li l-interess guridiku ta’ attur f’kawza jrid ikun fost affarijiet ohra attwali u legittimu, u jekk jigi nieqes waqt il-kors tal-kawza l-konsegwenza hi li l-parti mharrka – f’dan il-kaz hu – tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju. Huwa jsostni li bis-subizzjoni taghha, is-socjetà konvenuta ammettiet bla riservi u b’mod inkondizzjonat li hija debitrici ta’ l-attrici fl-ammont minnha pretiz, u ghalhekk l-attrici ma ghandhiex iktar interess li tkompli l-kawza fil-konfront tieghu ghaliex tista’ tottjeni sentenza ta’ kundanna ghall-hlas tad-danni minnha pretizi fil-konfront tas-socjetà konvenuta bbazata fuq l-ammissjoni bis-subizzjoni taghha.

Il-Qorti però ma taqbilx ma dak pretiz mill-konvenut u fil-fehma Taghha l-eccezzjoni ulterjuri tieghu ma tisthoqx li tigi milqugha.

Ibda biex jinghad illi kontra dak pretiz mill-konvenut, il-fatt illi s-socjetà konvenuta baqghet kontumaci u ma rrispondietx ghall-Kapitolu pprezentat fil-konfront taghha mill-attrici ma jwassalx ghas-sitwazzjoni fejn din il-Qorti ghandha necessarjament u b’obbligu twaqqaf il-prosegwiment tal-proceduri fil-konfront tal-parti mharrka l-ohra – u cioè tieghu – u tghaddi biex taghti sentenza ta’ kundanna ghall-hlas fil-konfront ta’ dik is-socjetà, u dana billi *filwaqt li hu veru li l-kapitoli, meta s-subent ma jkunx wiegeb ghalihom u ma jkunx iggustifika l-kontumacja, ghandhom jitqiesu bhala konfessjoni, imma* ***dan ma***

***jfissirx li l-Qorti hija obbligata toqghod dejjem fuq dik il-prezunta konfessjoni. Is-subizzjoni … hija semplici mezz ta' prova, u ghandha tigi ezaminata u valjata flimkien mal-provi l-ohra kollha tal-kawza, b'mod illi jekk il-kapitoli ma jkunux konfacenti mal-provi l-ohra tal-kawza, u l-Qorti jidhrilha li ghandha taghti prevalenza lil dawk il-provi l-ohra, il-konfessjoni prezunta derivanti mis-subizzjoni ghandha ccedi quddiem dawk il-provi l-ohra[9].***

Apparte minhekk il-konfessjoni bil-mezz tas-subizzjoni, anke jekk ta' parti li tkun ukoll baqghet kontumaci, ma hijiex irriversibbli fis-sens illi dik il-parti mharrka ma tkunx tista' tattakka sentenza pronuncjata kontriha fuq din il-bazi, kif donnu jaghti ad intendere l-konvenut meta jikkontendi li bis-subizzjoni taghha s-socjetà konvenuta ammettiet bla riservi w inkondizzjonatament li hija debitrici ta' l-attrici fis-somma minnha mitluba. In effetti huwa principju stabbilit li parti li tkun baqghet kontumaci u ma tkunx irrispondiet ghall-Kapitolu pprezentat fil-konfront taghha ghandha dritt tappella minn sentenza pronuncjata kontriha u jekk quddiem il-Qorti ta' l-Appell jirnexxielha tiggustifika l-kontumacja taghha u n-nuqqas li tirrispondi ghall-Kapitolu, dik il-Qorti tista' addirittura tikkoncedilha l-fakoltà li tittratta l-kawza.

F'dan ir-rigward fis-sentenza fl-ismijiet **Casapinta Design Group Ltd. v. Dr. Tonio Azzopardi noe, Appell Civili Nru. 2206/03** deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fl-20 ta' April 2005, gie appuntu osservat illi *non è vietato dalle Leggi di Organizzazione e Procedura Civile l'appello dalle sentenze pronunciate in prima istanza e fondate su di una confessione presunta, risultante dalla contumacia di una della parti chiamata legalmente per subire su i capitoli presentati dall'altra parte ed ammessi dalla Corte di prim' istanza, ne è vietato alla Corte di Seconda Istanza di poter, per giusta causa, restituire in intero l'appellante e presunto confitente, e quindi ammetterlo a prestare la sua subizione sui capitoli presentati in prim' istanza.*

---

[9] Bank of Valletta p.l.c. v. Joseph Balzan et, Citaz. Nru. 84/02 deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fis-26 ta' Gunju 2003. Enfasi ta' din il-Qorti.

Apparte l-fatt li l-principji li jirregolaw l-istitut ta' l-ammissjoni bis-subizzjoni kjarament juru li l-pretensjoni tal-konvenut ma hijiex guridikament gustifikata, hemm fattur iehor li serjament jimpingi fuq il-validità guridika ta' l-eccezzjoni ulterjuri minnu sollevata.

Huwa principju guridiku stabbilit li f'kwistjonijiet dwar danni kagunati f'fond adjacenti ***non può un vicino esimersi dall' obbligo di rimuovere la causa dei danni che soffrisse l'altro vicino nel proprio fondo quantunque in tale cause concorresse il fatto di altri; contro questi competerebbe tutto al più un diritto di rilevanza***[10] - **Saviour Brincat et v. Salina Estates Limited, Appell Civili Nru. 510/99** deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fil-25 ta' Frar 2004*.*

Fil-fehma tal-Qorti dan il-principju fih innifsu jippreskludi lill-konvenut, qua proprjetarju tal-fond Nru.47, Triq Mater Boni Consilii, Paola, milli jissolleva n-nuqqas ta' interess guridiku ta' l-attrici li tipprosegwi b' azzjoni ghad-danni fil-konfront tieghu ghaliex giet imharrka s-socjetà konvenuta – li kienet il-kuntratttur li esegwixxa x-xoghlijiet fil-fond tieghu – anke jekk din l-istess socjetà baqghet kontumaci u ma dehritx biex tirrispondi ghall-Kapitolu pprezentat fil-konfront taghha mill-attrici.

Di fatti meta l-principji li jirregolaw l-istitut ta' l-ammissjoni bis-subizzjoni u l-principju enuncjat fil-precitata sentenza **Brincat v. Salina Estates Limited et** jigu ikkunsidrati flimkien, konsiderazzjoni li f'din il-kawza necessarjament trid issir, il-Qorti hi konvinta li kemm-il darba kellha tilqa' l-eccezzjoni ulterjuri tal-konvenut tkun mhux biss qed tmur kontra principji ormai ferm stabbiliti fis-sistema guridika nostrali, izda tkun addirittura qed taghti lok ghal ingustizzja notevoli fil-konfront ta' l-attrici.

Fil-fehma tal-Qorti l-interess guridiku ta' l-attrici li tkompli bil-kawza fil-konfront tal-konvenut ghadu attwali,

[10] Joseph Bonnici v. John Mizzi et, Citaz. Nru. 1598/92 deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' Marzu 2003; Maria Xuereb et v. TBS Services Limited, Appell Civili Nru. 566/01 deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fl-20 ta' Ottubru 2003. Enfasi tal-Qorti.

nonostante l-ammissjoni bis-subizzjoni tas-socjetà konvenuta, u ghalhekk il-kawza ghandha titkompla anke fil-konfront tieghu ghall-fini li jigi stabilit jekk id-danni fil-fond Nru.45, Triq Mater Boni Consilii, Paola, lamentati mill-attrici gewx effettivament kawzati b'konsegwenza tax-xoghlijiet esegwiti fil-fond tal-konvenut Nru.47, Triq Mater Boni Consilii, Paola, u konsegwentement jekk l-istess konvenut huwiex responsabbli fil-konfront taghha ghall-hlas ta' l-ammont minnha pretiz in linea ta' danni.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti tichad l-eccezzjoni ulterjuri sollevata mill-konvenut fil-15 ta' Frar 2011 u tordna l-prosegwiment tal-kawza; bl-ispejjez jibqghu riservati ghall-gudizzju finali.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------